MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1746/2004

**SMS Insurance Agency Limited ghan-nom tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office p.l.c. C-5645**

**vs**

**Albert Zammit K.I. Nru. 586359 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta Settembru 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' mitejn u wiehed u sittin lira u hamsin centezmu (Lm261.50) rapprezentanti refuzjoni ta' flus li l-atturi nomine kienu hargu ai termini tal-Kapitolu 104 in segwitu u a tenur ta' sentenza moghtija minn dan it-Tribunal diversament presjedut fil-kawza fl-ismijiet George Buttigieg vs Albert Zammit (Avviz numru 700/02 PM) liema ammont is-socjeta' attrici ghandha dritt li tirkupra minghand l-assikurat taghha stante li dan ta' l-ahhar naqas li josserva

l-kondizzjonijiet tal-polza li a bazi taghha l-istess socjeta’ attrici kienet giet kostretta li thallas;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tas-27 ta’ Mejju tas-sena 2004 (Dok A) u ta’ l-ittra ufficjali datata 5 ta’ Lulju 2004 (Dok B) oltre l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut sa l-effettiv pagament;

Jigi notat li z-zewg dokumenti msemmija fl-avviz cioe` Dok A u Dok B m’humiex fil-fatt inseriti fil-process u ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni taghhom;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici nomine sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-4 ta’ Marzu 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma rikjesta ta’ mitejn u wiehed u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (LM261.50) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza oltre li l-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------